**Konferenza stampa**

Sinjuri ta' l-istampa, nirringrazzjakom talli gejtu hawn sabiex issegwu din il-konferenza stampa.

**It-tema ta' din il-konferenza hija bbażata fuq il-bilanċ, is-sostennibbiltà u r-responsabbiltà**

L-għażla ta' dan il-post, kbir 240,000 metru kwadru, għalina tissimbolizza l-bilanċ ekwu li għandu jintlaħaq meta l-pubbliku, inkluż il-kaċċaturi, jagħmlu użu mill-kampanja Maltija.

Infatti, filwaqt illi il-kaċċa f'dan il-post pubbliku kienet issir il-ġurnata kollha, illum issir biss sal-10 ta' filgħodu.

Aħna nixtiequ li l-Maltin u l-Għawdxin kollha jkunu jafu l-fatti korretti u li min minnhom ser jivvota, jagħmel hekk wara li jkun ha konoxxenza tal-fatti korretti u tal-fatti korretti biss.

**Sostenibblità**

Punt importanti ferm, li, fl-opinjoni tagħna, jifforma l-bażi tad-deroga li Malta tapplika għall-kaċċa fir-rebbiegħa, hija s-sostenibbiltà tal-ispeci, jew aħjar, jekk dak li qed jittieħed matul l-istagun tal-limitat tal-kacca fir-rebbiegha, hux qiegħed jaffettwa b'mod negattiv il-popolazzjoni ta' dawn iż-żewġ speċi.

B'rabta mal-istess tema nigbed l-attenzjoni ghall-fatt illi fil-jiem li ghaddew, il-Kumitat Ornis irrakkomanda l-applikazzjoni ta' deroga sabiex jinfetaħ staġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa, suġġett ovvjament għar-riżultat tar-referendum t'April li ġej.

Dan il-pass waħdu, fl-umili fehma taghna digà minnu innfisu huwa prova cara tas-sostenibilità taz-zewgt speci. Fil-fatt huwa ta' dizappunt ghalina li l-kamp tal-'LE' mhux komdu jara lil dan il-mekkaniżmu jaħdem, saħansitra bil-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti ta' Birdlife Malta. Nemmnu li ma nistgħux insabbtu saqajna quddiem il-fatti xjentifiċi jekk verament irridu dibattitu san.

Ir-rapport tal-Ornis jikkonferma li ż-żewġ speċi kaċċabbli fir-Rebbiegħa għadhom jeżistu f'popolazzjonijiet kbar ħafna u f'firxa ġeografika wiesa'. Filwaqt li xi pajjiżi Ewropej esperjenzaw tnaqqis fil-popolazzjoni taż-żewġ speċi, il-popolazzjoni ta' dawn it-tnejn kienet stabbli u saħansitra żdiedet marġinalment fil-pajjiżi li minnhom ipassu lejn Malta.

Huwa ghalhekk tajjeb li nirrikonoxxu u naccettaw dawn il-fatti li jitkellmu wehidhom, li juru minghajr ebda bzonn ta' interpretazzjoni il-verità x'inhi, u ma nibqgħux inħawdu moħħ in-nies bi statistika ta' pajjiżi li l-gamiema u s-summiena tagħhom lanqas biss tpassi lejn Malta. Qed nirreferi għal mod kif il-kamp tal-'LE' qed jinqdew bil-case study tal-Ingilterra sabiex jiġġustifikaw l-argumenti tagħhom fuq Malta. Tajjeb li nfakkru li l-gamiema fl-Ingilterra ma ssirx kaċċa fuqha, u hemm rapporti xjentifiċi (Browne & Aebischer, 2004) li jikkonfermaw li din naqset minħabba prattiċi agrikoli u mhux minħabba xi impatt mill-kaċċa. Anka Birdlife Malta stess jistgħu jikkonfermaw li qatt ma rringjaw gamiem li jkun ikkonfermat li passa mir-Renju Unit. (Ir-rapport ta' Raine 2007)

Meta wieħed jaqbad l-istatistika xjentifika mill-pajjiżi li minnhom joriġinaw il-gamiema u s-summiena lejn Malta, wieħed jista' kjarament jara li l-popolazzjoni tagħhom hija stabbli u f'ċertu każi qed tiżdied, eżempju Franza u l-Kroazja li jikkaċċjawhom f'ammonti ħafna akbar minn ta' Malta. Importanti wkoll li wiehed ikun jaf li filwaqt li Malta għandha limitu ta' 16,000 għasfur stabbilit xjentifikament bi qbil mal-Kummissjoni Ewropea, mill-anqas f'għaxar Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea jinqabdu mas-7,500,000 minn dawn iż-żewġ speċi. Il-pubbliku ovvjament minn naha jista' jifhem u japprezza li, li kieku dak li qed jgħidu tal-'LE' huwa minnu, il-Kummissjoni Ewropea diġà ħadet passi sabiex il-kaċċa f'dawn il-pajjiżi tiġi kkontrollata mill-aktar fis.

Punt iehor dwar is-sostenibilità huwa li d-dokument Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Kaċċa Skont id-Direttiva tal-Għasafar 2007, pubblikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tkompli tidhol fid-dettal u ssemmi li t-teħida ta' 1% jew anqas mill-popolazzjoni jkollu effett negliġibbli fuq l-ispeċi u jista' matematikament jiġi injorat. Dan id-dokument sar bi qbil bejn il-Federazzjoni Ewropea tal-Kaċċaturi u Birdlife International, bil-barka tal-Kummissjoni Ewropea, u l-ftuh tal-istagun tal-kacca fir-rebbiegha f'Malta illum il-gurnata, isir entro dawn il-parametri kif stabbiliti fl-istess dokument Gwida.

**Bilanċ**

Il-kampanja IVA temmen fil-bilanċ, mhux fl-abolizzjoni. Din il-ġimgħa stess ippubblikat grafika li turi biċ-car kif għal 92% tar-rebbiegħa, ma ssirx kaċċa. Dan juri li x-xenarju li qed jigi impingi min haddiehor fejn qed jigi allegat li l-pubbliku ma jistax joħroġ fil-kampanja minħabba l-kaċċa fir-Rebbiegħa, mhuwiex totalment korrett, ghaliex fi 92% tar-rebbiegha ma ssirx kacca.

Dan ifisser li kaċċa limitata ssir biss għal 20 nofs ta' nhar, li tirrappreżenta 8% biss ta' l-istaġun kollu. Ta' min jgħid ukoll li għat-92% li ma joħorġux għall-kaċċa u l-kumplament tas-sena, l-kaċċaturi ma jieqfux jwettqu xogħol siewi ta' konservazzjoni fiż-żoni kollha fejn huma jistgħu jipprattikaw il-kaċċa. Dan ix-xogħol mhux biss iservi sabiex isebbaħ b'mod ġenerali l-kampanja Maltija u Għawdxija, talli jkattar il-biodiversità ta' diversi speċi ta' flora u fauna – b'mod speċjali l-għasafar tal-lokal.

L-Unjoni Ewropea wkoll, fiċ-Charter on Hunting and Biodiversity, tal-2007 ukoll, tirrikonoxxi lil kaċċaturi bħala għodda għall-immaniġġjar u l-konservazzjoni tal-biodiversità. Fil-fatt fl-Unjoni Ewropea jeżistu aktar minn 7,000,000 kaċċatur fid-diversi Stati Membri.

**Responsabbiltà**

Il-Kampanja IVA tixtieq tagħmel referenza, u dan tagħmlu b'wiċċa mill-quddiem, għal xi incidenti ta' atti illegali li setgħu seħħew u gew konnessi mal-kaċċa. Filwaqt li kull att li jista' jfisser it-tnehhiija tal-ħajja ta' tajra protetta huwa illegali , u ghandu jibqa' jigi trattat bhala tali, l-Kampanja Iva, mill-banda l-ohra tirrikonoxxi, b'sodisfazzjoni, li, kif stqarrew l-istess Birdlife Malta, fl-2014, tali abbużi li kienu relatati mal-kaċċa, naqsu b'71%. Kien hemm 14 il-każ li minhom 4 biss kienu jinvolvu tajr protett.

Ma rridux ninsew li hemm kontrolli u pieni fis-sehh għal min jinqabad jikser il-liġi. Qeghdin nitkellmu fuq pieni fenominali, fost l-ogħla pieni fid-dinja, b'possibilità ta' skwalifika ta' liċenzja għal għomor ta' bniedem u anki f'każijiet estremi ta' habs.

Importanti li wiehed jifhem li r-referendum tal-11 ta' April ma huwiex dwar il-qtil tat-tajr protett. U lanqas ma huwa dwar attivitajiet illegali ohra li setghu ikkomettew individwi ohra, anke fi staguni mhux necessarjament tal-kacca. Izda huwa dwar attività legali. Attività legali li tigi pprattikata f'Malta permezz ta' deroga, ossia li Malta ghandha dritt tipprattika bhala stat membru tal-Unjoni Ewropea.

Il-Kampanja IVA tistqarr pubblikament li hi m'għandha ebda rispett lejn min jinqabad u jeħel li spara fuq tajr protett. Il-ħsara li qed jagħmlu dawn hija kbira ħafna u l-ewwel li tolqot hija lill-kaċċatur li dejjem osserva l-liġi. Qegħdin naraw ukoll li, f'ċerti minn dawn il-każijiet, dawn lanqas biss ikollhom licenzja u ebda rispett lejn il-kaċċaturi u lejn l-ambjent tal-madwar. Dawn la għandhom staġuni u lanqas kontrolli. Dawn m'għandomx jitqiesu jew jitqabblu mal-kaċċaturi. Ir-riżultat tal-kaċċaturi mal-forzi ta' l-ordni qegħda tagħti frott siewi, kif jidher ċar mit-tnaqqis ta' tali każijiet ta' illegalitajiet.

Il-fatt li l-kaċċaturi kollha qegħdin jiġu mħamġġa bla distinzjoni bil-ftit każi t'illegalità hija skorretta, u minghajr l-ebda bazi, u perikoluza.. Fl-ebda settur tal-ħajja wieħed ma jista' jiġġeneralizza kif qed jagħmel il-kamp tal-'LE'. Ma nemmnux li minħabba l-ftit għandhom jeħlu l-ħafna. Kieku jiġri hekk fis-soċjetà jkun hemm ħafna aktar affarijiet li jispiċċaw meqruda, u dan ma jgħoddx biss għad-delizzji. Aħna nemmnu fir-responsabbiltà, d-dixxiplina u l-edukazzjoni; żgur mhux fl-abolizzjoni fejn donnu li s-suġġett ma baqax l-għasfur iżda ċ-ċittadini Maltin u Għawdxin li jipprattikaw il-kaċċa legalment.

**Il-Malti jgħid li biex tiskonġra trid tkun pur. Hija ironija kif il-kamp tal-'Le' qed jixħet it-tajn fuq eluf ta' ċittadini Maltin u Għawdxin bla distinzjoni. Filwaqt li qed ipinġu lill-kaċċaturi bħala kollha kriminali, donnu li fost l-għaqdiet li qed jissaportjawhom u l-membri tagħhom qatt ma kien hemm każi t'abbuż jew imġieba irresponsabbli li ma tagħmel ġieħ lil ħadd.**

**L-impenn tal-Kampanja IVA bhala Maltin u Ewropej ser jibqa' favur bilanċ ekwu, favur kaċċa sostenibbli u favur id-delizzji Maltin prattikati b'responsabbiltà.**

Grazzi talli kontu magħna dalgħodu.

Dr. Kathleen Grima